TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 102/17/F

**Gilbert u Sharon Busuttil**

**vs**

**Power Plus Limited**

Illum 21 ta' Novembru, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-31 ta' Mejju, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' tlett elef, u ħames mitt ewro (€3,500), rappreżentanti nuqqas ta' ftehim li kien hemm, li kellhom garanzija ta' 25 sena u ngħataw garanzija ta' 5 snin.

Is-soċjeta' ntimata debitament notifikata u msejħa tliet darbiet ma dehritx għas-seduta u dan minkejja li kienet notifikata kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ, kif ukoll ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew illi huma kienu xtraw photovoltaic system u kienu offruti garanzija ta' 25 sena, pero' ngħataw biss garanzija ta' 5 snin, u għalhekk qed jitolbu kumpens ta' dan in-nuqqas.

It-Tribunal, iħoss illi jkun fl-aħjar interess ta' kulħadd li jordna li l-garanzija tkun għal 25 sena u mhux għal 5 snin.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrent, u jordna lis-soċjeta' ntimata tagħti garanzija ta' 25 sena mid-data li r-rikorrenti xtraw bil-konsegwenzi kollha li jkollha, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888